

# il-hajja ta' kristu gesu'

## 27.GESU JIRXOXTA LIL BIN L-ARMLA TA' NAIM

Luqa 7:11-17



Fil-Belt ta' Najm, fil-Galilea kienet tghix armla flimkien ma' binha zaghzugh. Minghajr dubju hija tqisu t-tama tal-hajja taghha meta kienet tahseb li hu ghad jiehu hsiebha meta hija kienet tixjieh u anke tieghu niffsu. Imma jum wiehed iz-zaghzugh waqa' marid.

Kien zmien ta' swied il-qalb ghal armla u kuljum kienet iddur bih bit-tama li ma jdumx ma jfieq. Minkejja ix-xewqat taghha huwa kien sejjer ghal aghar. Jum wiehed huwa miet. Id-dar ta' armla intliet issa b'vojt kbir ghax kemm ir-ragel taghha kif ukoll binha kienu hallew din id-dinja. Il-girien taghha gew biex jikbu maghha u jwennsuha. Kebbew il-gisem bla hajja taz-zaghzugh fl-lozor ta' l-ghazel u poggew fuq katafalt. Refghuh u mxew bih lejn ic-cimiterju. Hafna kienu n-nies li akkumpanjawh u l-bekkejja kienu qed jghixru u jikbu. Meta waslu barra l-bieb tal-belt il-funeral waqaf hesrem. Ghax Gesu' imqanqal mill-hniena lejn dik l-armla waqaf quddiem il-folla u xtaq jghinha. Qalilha bil-moghdrija kollha: "Tikbix."

Resaq imbaghad hdejn il-mejjet u qallu: "Zaghzugh nghidlek qum." Ir-reffiegh kollha staghgbu meta rawh ikellem lil gisem mejjet u bla hajja. Izda kien akbar l-ghageb taghhhom meta raw lil mejjet jiehu l-hajja u jqum.

Imbaghad Gesu’ tah lil ommu. Minn dak ix-xghir u l-biki kollu waqa’ skiet kbir u biza’ inkesa mall-folla prezenti. Bilkemm kemm setghu jemmnu lil ghajnejhom li bniedem mejjet iqum mill-mewt, izda kineu konvinti li dan gara tassew. Huma bdew ifahhru lil Alla u jghidu: “Profeta kbir deher fostna.” Ohrajn qalu: “ Alla zar lill-poplu tieghu. U emmnu fih.

Din l-ahbar xterdet ma’ kullimkien, sahansitra anke Giovanni l-Battista sema’ biha u baghat zewg dixxipli tieghu biex jaraw jekk Gesu’ kienx tassew is-Salvatur imwieghed mill-bnedmin. Id-dixxipli waslu hdejn Gesu u sakemm staqsewh raw follol ta’ nies irassu fuq Gesu’ jitolbuh biex ifejjaqhom. Kienu ghomja, torox, imgiddma u mifluga. Gesu’ kien ifejjaqhom wiehed wiehed u sahansitra anke kien ikeccilhom l-ispirti zmien li xi whud kienu imxekkla bihom.

Imbaghad Gesu’ qalilhom: Morru ghidu lil Giovanni b’dak li rajtu u smajtu, kif l-ghomja jaraw, it-torox jisimghu, u z-zoppop jimxu, u l-imgiddma jitnaddfu u l-mejtin iqumu ghall-hajja, u lill-fqar tithabbrilhom is-saltna t’Alla.”

Meta Giovanni l-Battista sema’ r-risposta mid-dixxipli tieghu ferah fuq dak kollu li kien isehh bil-grazzja ta’ Alla.

Ma ghaddiex wisq zmien, meta Erodi baghat joqtol lil Giovanni fil-habs billi qatghalu rasu. Gew id-dixxipli tieghu u hadu l-gisem tieghu u difnuh. U qalu lil Gesu’ b’dak kollu li kien ghamel Erodi.

## RIFLESSJONI

Il-Hniena ta’ Gesu’ ma ghandiex limiti. Ma resqitx hi titolbu jirxuxtalha lil binha izda hu resaq u offrilha l-konsolazzjoni. Dan jurik li Gesu’ jigri wara kulhadd biex joffrilu soluzzjoni ghall-problemi, minkejja li xi whud ma jimpurthomx jersqu lejh.

Inhaddlu lil Kristu fil-programm ta’ hajjitna ghax bih maghna ma jkun jonqosna xejn. Dan ma jfissirx li ma jkollniex problem, izda l-presenza tieghu f’hajjitna toffrilna wens u konfort.